# Ir-Raba' Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Aħna se nduru fuq il-pagani.*

Atti 13, 14. 43-52

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

14 F'dak iż-żmien, Pawlu u Barnaba minn Perge baqgħu sejrin sa ma
waslu f'Antjokja ta' Pisidja. F'jum is-Sibt daħlu fis-sinagoga u qagħdu
bilqiegħda. 43 U meta xterdet il-ġemgħa tas-sinagoga, ħafna, kemm
mil-Lhud u kemm mill-prosèliti twajba, marru ma' Pawlu u ma'
Barnaba, u dawn ħeġġewhom biex jibqgħu fil-grazzja ta' Alla.

44 Is-Sibt ta' wara, tista' tgħid il-belt kollha nġabret biex tisma' l-kelma
tal-Mulej. 45 Il-Lhud, meta raw il-folol, imtlew bl-għira u bdew imieru
lil Pawlu u jidgħulu. 46 Imma Pawlu u Barnaba bil-kuraġġ kollu qalu:
«Hekk kien meħtieġ, li l-kelma ta' Alla titħabbar lilkom l-ewwel.
Billi intom qegħdin twarrbuha, u jidhrilkom li ma tistħoqqilkomx
il-ħajja ta' dejjem, aħna se nduru fuq il-pagani. 47 Għax hekk ordnalna
l-Mulej: "Jien għamiltek dawl tal-ġnus, biex twassal is-salvazzjoni sa
truf l-art."»

48 Il-pagani, meta semgħu dan, bdew jifirħu u jigglorifikaw il-kelma
tal-Mulej, u dawk kollha li kienu magħżula għall-ħajja ta' dejjem
emmnu. 49 Hekk il-kelma tal-Mulej baqgħet tixtered mal-art kollha.
50 Imma l-Lhud xewxu n-nisa twajba u magħrufa u wkoll il-kbarat
tal-belt, u qajmu persekuzzjoni kontra Pawlu u Barnaba u
keċċewhom 'il barra minn arthom. 51 Huma farfru għal fuqhom it-trab
minn ma' riġlejhom u marru Ikonju. 52 Iżda d-dixxipli mtlew bil-ferħ u
bl-Ispirtu s-Santu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla





## Salm Responsorjali

Salm 99 (100), 2.3.5

R/. (3c): Aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu

*jew*

R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
2 aqdu bil-ferħ lill-Mulej,
idħlu quddiemu b'għana ferrieħi. R/.

3 Kunu afu li Jaħweh hu Alla:
hu ħalaqna, u aħna tiegħu,
aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu. R/.

5 Għax twajjeb il-Mulej,
għal dejjem it-tjieba tiegħu;
minn żmien għal żmien il-fedeltà tiegħu. R/.

## Qari II

***Il-Ħaruf ikun ir-ragħaj tagħhom; u hu jwassalhom ħdejn ilmijiet tal-għejun tal-ħajja.***

Apok 7, 9.14b-17

**Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**

[9]Jiena, Ġwanni, ħarist, u ara, kien hemm kotra kbira li ħadd ma jista'
jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin
quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf, lebsin ilbiesi twal bojod, u
bil-friegħi tal-palm f'idejhom.

U wieħed mix-Xjuħ qalli: [14]«Dawn huma dawk li ġejjin mit-taħbit
il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm
tal-Ħaruf. [15]Għalhekk jinsabu quddiem it-tron ta' Alla, lejl u nhar
jaqduh fit-tempju tiegħu; u dak li qiegħed fuq it-tron jeħodhom
jgħammru taħt il-kenn tiegħu.

[16]Ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar;
ix-xemx ma taħkimhomx, u anqas ebda għomma,
[17]ladarba l-Ħaruf, li hemm f'nofs it-tron,
ikun ir-ragħaj tagħhom;
u hu jwassalhom ħdejn ilmijiet tal-għejun tal-ħajja.
U Alla jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla





## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 10, 14

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jiena r-ragħaj it-tajjeb, jgħid il-Mulej;
jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi,
u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Lin-nagħaġ tiegħi nagħtihom il-ħajja ta' dejjem.***

Ġw 10, 27-30

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann**

[27]F'dak iż-żmien, Ġesù qal: «In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jiena
nagħrafhom, u huma jimxu warajja.

[28]U jiena nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u huma ma jintilfu qatt, u
minn idejja ma jaħtafhomli ħadd.

[29]Missieri, li tahomli, hu akbar minn kulħadd, u ħadd ma jista'
jaħtafhom minn id il-Missier. [30]Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu